MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2007

Talba Numru. 97/2007

**Kevin u Silvana konjugi Bonello**

**Vs**

**Mario Meilak**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta` Frar, tas-sena 2007 fejn l-atturi qed jitolbu li l-konvenut Mario Meilak ghandu jigi kkundannat ihallashom is-somma ta` hames mija u hamsin lira (Lm550) rapprezentanti refuzjoni ta` somma flus imhallsa minnhom bhala depozitu akkont ghal xogholijiet li l-konvenut baqa` ma espletax.

L-atturi talbu wkoll illi l-ispejjez ta` din il-kawza inkluza dawk ta` l-ittra interpellatorja tas-17 ta` Novembru, 2006 ikun a karigu tal-konvenut u rriservat l-imghaxijiet favur taghhom skond il-ligi.

It-Tribunal ra li l-konvenut ghalkemm legalment notifikat baqa` ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ta` l-istess talba.

Sema` ix-xhieda ta` l-attur Kevin Bonello bil-gurament tieghu fejn spjega kif hu u martu kienu nkarigaw lil konvenut biex jahdmilhom bibien interni ghad-dar taghhom u illi f`April tas-sena 2004 huma kienu halsuh depozitu akkont ta` hames mija u hamsin (Lm550) ghal dawn il-bibien.

Sema` ukoll ix-xhud jghid illi meta ghadda certu zmien u l-konvenut baqa` ma espletax l-inkarigu lilu moghti huma marru ghand il-Konsulent Legali tieghu li nforza ta` ittra mibghuta mill-Konsulent Legali gie terminat l-istess inkarigu tal-konvenut u talbu li jinghataw il-flus lura illi kienu halsu bhala depozitu.

Illi meta l-konvenut baqa` ma hallas lura dan id-depozitu minnhom imhallas huma gew kostretti jaghmlu dina l-kawza.

Illi ghalhekk fic-cirkostanzi, it-Tribunal qieghed jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara illi l-atturi rnexxielhom jippruvaw b`mod sodisfacenti t-talba taghhom u konsegwentement ghalhekk qieghed jilqa` t-talba ta` l-atturi u kwindi jikkundanna lil konvenut ihallas lill-istess atturi s-somma kif mitluba ta` hames mija u hamsin lira (Lm550) bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kif mitluba a karigu tal-konvenut u bl-imghaxijiet legali dekorribbli kontra l-istess konvenut mid-data ta` din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------